IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.6.2021
COM(2021) 290 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## dwar l-evalwazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern (eIDAS)

{SEC(2021) 229 final} - {SWD(2021) 130 final}

## 1. INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport jiddeskrivi r-riżultati tal-evalwazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 910/2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern ("ir-Regolament eIDAS")[1]. F'konformità mal-Artikolu 49 tar-Regolament, il-Kummissjoni jeħtieġ twettaq rieżami tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u tevalwa b'mod partikolari jekk hux opportun li timmodifika l-kamp ta' applikazzjoni jew id-dispożizzjonijiet speċifiċi tiegħu filwaqt li tikkunsidra l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tiegħu, l-iżviluppi teknoloġiċi, tas-suq u dawk legali[2], u meta xieraq mar-rapport jenħtieġ iżżid proposti leġiżlattivi.

Id-dokument ta' ħidma tal-persunal mehmuż jiġbor evidenza u analiżi f'aktar dettall li jappoġġaw dawn is-sejbiet.

### 1.1. Il-qafas eIDAS

L-UE kienet pijuniera permezz tar-Regolament dwar l-eIDAS adottat fl-2014 meta introduċiet l-ewwel qafas transfruntier għall-identitajiet diġitali ta' fiduċja u għas-servizzi fiduċjarji, li issa ġie rikonoxxut u rispettat fuq livell dinji. Ir-Regolament dwar l-eIDAS kien tfassal biex iċ-ċittadini kollha tal-UE jkunu jistgħu jaċċessaw is-servizzi pubbliċi madwar l-UE b'mezzi tal-identifikazzjoni elettronika (eID) maħruġin f'pajjiżhom. Tfassal ukoll biex isaħħaħ il-fiduċja fit-tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern billi jipprovdi sisien komuni għal interazzjoni elettronika sigura u bla xkiel bejn iċ-ċittadini, in-negozji u l-awtoritajiet pubbliċi, u b'hekk jiżdiedu l-effettività tas-servizzi pubbliċi u privati online, in-negozju elettroniku u l-kummerċ elettroniku fl-UE. Dan ħassar id-Direttiva 1999/93/KE dwar qafas Komunitarju għall-firem elettroniċi li essenzjalment kien ikopri biss il-firem elettroniċi.

Kif timplika l-bażi ġuridika tar-Regolament, l-Artikolu 114 tat-TFUE, dan tfassal ukoll biex ixejjen l-ostakli eżistenti għall-funzjonament tas-suq intern billi jippromwovi approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri, b'mod partikolari r-rikonoxximent reċiproku u l-aċċettazzjoni tal-eID, l-awtentikazzjoni, il-firem u servizzi fiduċjarji relatati bejn il-fruntieri meta jkunu meħtieġa biex jinkiseb aċċess u għal proċeduri jew tranżazzjonijiet elettroniċi.

Qabel ma daħal fis-seħħ ir-Regolament, ma kien hemm l-ebda qafas transfruntier u transsettorjali komprensiv tal-UE għal tranżazzjonijiet elettroniċi siguri, affidabbli u faċli biex jintużaw, inkluż is-servizzi tal-identifikazzjoni, tal-awtentikazzjoni u s-servizzi fiduċjarji elettroniċi. Il-proposta tal-Kummissjoni (COM(2012) 238 final) tal-4 ta' Ġunju 2012 flimkien mill-Valutazzjoni tal-Impatt (SWD(2012) 135 final) mehmuża magħha jidentifikaw dawn l-erba' objettivi ġenerali, li:

---

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE, ĠU L 257, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32014R0910&from=MT.

[2] "Il-Kummissjoni għandha tagħmel rieżami tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa mhux aktar mill-1 ta' Lulju 2020. Il-Kummissjoni għandha tevalwa b'mod partikolari jekk hux opportun li timmodifika l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jew id-dispożizzjonijiet speċifiċi tiegħu, inkluż l-Artikolu 6, il-punt (f) tal-Artikolu 7 u l-Artikoli 34, 43, 44 u 45, filwaqt li tikkunsidra l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, kif ukoll l-iżviluppi teknoloġiċi, tas-suq u dawk legali."

- ikun żgurat l-iżvilupp ta' suq uniku diġitali;
- jiġi promoss l-iżvilupp ta' servizzi pubbliċi transfruntieri ewlenin;
- tiġi stimulata u tissaħħaħ il-kompetizzjoni fis-suq uniku;
- ikunu iżjed faċli għall-utenti (iċ-ċittadini u n-negozji).

Minkejja l-fatt li r-Regolament qed jilħaq ħafna mill-għanijiet tiegħu u sar element fundamentali biex jiffaċilita s-suq uniku f'għadd ta' setturi (eż. għas-servizzi finanzjarji u biex jippermetti aċċess u użu mill-ġdid tad-*data* fi proċeduri amministrattivi), dan għandu għadd ta' limitazzjonijiet: in-nuqqas ta' obbligu li jiġu notifikati l-iskemi nazzjonali tal-eID, attributi limitati (elementi ta' informazzjoni personali) li jistgħu jiġu żvelati b'mod affidabbli lil partijiet terzi, l-enfasi tal-att fuq is-settur pubbliku, u n-nuqqas ta' inċentivi ċari għall-partijiet privati biex jużaw l-eIDs nazzjonali. Barra minn hekk, l-ekosistema Ewropea tal-identità elettronika hi mqassma f'ambjenti regolatorji nazzjonali differenti, b'livelli differenti ta' governanza diġitali, kultura differenti, u livelli differenti ta' fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi.

### 1.2. Kuntest

L-għoti tal-identità diġitali għaddej minn bidliet fundamentali. Ċerti entitajiet bħall-banek, il-fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika jew il-kumpaniji tal-utilità, li wħud minnhom huma meħtieġa bil-liġi jiġbru attributi tal-identità, qed jużaw il-proċeduri tagħhom biex jaġixxu bħala fornituri tal-identità verifikati. L-intermedjarji tal-internet, inkluż il-pjattaformi tal-midja soċjali u l-browsers tal-internet[3] ewlenin, qed jaġixxu bħala gwardjani tal-identità diġitali *de facto* u joffru soluzzjonijiet BYOI (ġib l-identità tiegħek stess) li permezz tagħhom l-utenti tagħhom ikunu jistgħu jawtentikaw fuq siti web u servizzi ta' partijiet terzi billi jużaw il-profil tal-utent tagħhom. Din il-konvenjenza tiġi għad-detriment tat-telf tal-kontroll fuq id-*data* personali żvelata, filwaqt li dawn il-mezzi tal-eID mhumiex konnessi ma' identità fiżika verifikata u b'hekk it-theddid għall-frodi u għaċ-ċibersigurtà jkun aktar diffiċli li jiġi indirizzat. Ħafna miċ-ċittadini tal-UE jixtiequ li jkollhom aċċess għal identità diġitali sigura li jistgħu jużaw biex jaċċessaw is-servizzi online[4]. Fl-aħħar nett, għalkemm hemm ħafna fehmiet differenti dwar il-futur tal-identità diġitali, ir-rwol ewlieni tal-gvernijiet nazzjonali fl-iżvilupp ta' ekosistema mifruxa tal-ID diġitali jeħtieġ jiġi kkunsidrat kif xieraq.

L-utenti llum jistennew navigazzjoni online bla xkiel, applikazzjonijiet tal-mowbajl u soluzzjonijiet b'sign-on uniku li jistgħu jintużaw għas-servizzi online fis-settur pubbliku u privat u li jkopru l-każijiet kollha tal-użu tal-identifikazzjoni, li jvarjaw minn log-on bi psewdonimu fi pjattaforma online biex tkun żgurata l-identifikazzjoni, sa saħħa elettronika jew banek elettroniċi. L-identifikazzjoni online sigura u l-iskambju tal-kredenzjali tal-attributi qed isiru aktar importanti hekk kif qed jiżdied l-għadd ta' servizzi sensittivi għall-identità u l-għadd ta' servizzi personalizzati. Il-kapaċità ta' identifikazzjoni b'mod diġitali se ssir fattur importanti ta' inklużjoni soċjali u l-għoti tal-identità diġitali se jsir assi strateġiku.

Fid-diskors tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni fis-16 ta' Settembru 2020, il-President tal-Kummissjoni Ewropea ħabbret l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li twassal identità diġitali sigura u ta' fiduċja liċ-ċittadini kollha tal-UE: *"Irridu sett ta' regoli li jpoġġu lin-nies fiċ-ċentru. (...)*

[3] Pereżempju, l-utenti ta' Facebook jew Google jistgħu jużaw il-kontijiet tagħhom biex jidħlu fuq Booking.com jew jikkollegaw mal-EU Login: https://developers.facebook.com/docs/facebook-login/overview https://developers.google.com/identity/

[4] Ewrobarometru 503, Attitudnijiet dwar l-impatt tad-diġitalizzazzjoni fuq il-ħajja ta' kuljum, Diċembru 2019, ara: https://ec.europa.eu/commfrontoffice/publicopinion/index.cfm/Survey/getSurveyDetail/instruments/SPECIAL/surveyKy/2228

*Dawn jinkludu l-kontroll fuq id-*data *personali tagħna li llum ftit li xejn għandna. Kull darba li xi app jew sit web jitlobna noħolqu identità diġitali ġdida, jew li nagħmlu log-on malajr permezz ta' xi pjattaforma kbira, ma jkollna l-ebda idea ta' dak li jkun qed jiġri mid-*data *tagħna minn wara l-kwinti. Din hi r-raġuni għalfejn il-Kummissjoni dalwaqt se tipproponi identità elettronika Ewropea sigura. Se tkun waħda li nistgħu nafdawha u li kull ċittadin ikun jista' jużaha, ikun fejn ikun fl-Ewropa, biex jagħmel kull ma jkollu bżonn, minn ħlas ta' taxxa sal-kiri ta' rota. Se tkun teknoloġija li tagħtina kontroll fuq id-*data *tagħna u fuq kif din tintuża."*

Il-Kunsill Ewropew issekonda l-ambizzjoni tal-Kummissjoni u fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-1 u t-2 ta' Ottubru 2020 talab lill-Kummissjoni biex sa nofs l-2021 tressaq proposta għal inizjattiva qafas dwar identità diġitali Ewropea:

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew jitolbu *"L-iżvilupp ta' qafas għall-UE kollha għal identifikazzjoni elettronika (e-ID) pubblika sigura, inkluż firem diġitali interoperabbli, madwar l-UE kollha biex tipprovdi kontroll lin-nies fuq l-identità u d-*data *online tagħhom u biex tippermetti aċċess għal servizzi diġitali pubbliċi, privati u transfruntieri. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta għal inizjattiva ta' "Identifikazzjoni Diġitali Ewropea" sa nofs l-2021."*

Bl-identifikazzjoni elettronika, iċ-ċittadini u n-negozji jkunu jistgħu jagħtu prova ta' min huma meta jaċċessaw is-servizzi online. Is-servizzi fiduċjarji, bħall-firem elettroniċi, jagħmlu t-tranżazzjonijiet online aktar siguri, konvenjenti u effiċjenti. Ir-Regolament dwar l-eIDAS hu l-uniku qafas transfruntier għall-eIDs ta' fiduċja tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi, u għas-servizzi fiduċjarji. L-eIDAS jippermetti r-rikonoxximent transfruntier tal-eIDs tal-gvern biex jinkiseb aċċess għas-servizzi pubbliċi, diment li l-eID tkun ġiet notifikata skont l-eIDAS. L-eIDAS jistabbilixxi wkoll suq tal-UE għas-servizzi fiduċjarji rikonoxxuti bejn il-fruntieri bl-istess status legali bħall-proċessi tradizzjonali ekwivalenti tagħhom ibbażati fuq il-karta.

## 2. IS-SEJBIET EWLENIN TAL-EVALWAZZJONI

Is-sejbiet ewlenin tal-evalwazzjoni, skont il-kriterji tal-evalwazzjoni, jistgħu jinġabru fil-qosor taħt l-intestaturi li ġejjin.

### 2.1. Effettività

| |
|---|
| Id-dispożizzjonijiet dwar l-identità elettronika wasslu għall-ħolqien tan-network tal-eIDAS, bil-għan li d-detenturi ta' skema tal-eID notifikata jkunu jistgħu jaċċessaw is-servizzi pubbliċi online bejn il-fruntieri. Fil-livell tal-UE inkisbet biss l-interoperabbiltà ta' għadd limitat biss ta' skemi tal-eID[5].<br>Ir-Regolament dwar l-eIDAS irnexxielu jistabbilixxi ċ-ċertezza legali dwar ir-responsabbiltà, l-oneru tal-prova, l-effett legali, u aspetti internazzjonali tas-servizzi fiduċjarji, iżda għad fadal xi kwistjonijiet pendenti. Id-disponibbiltà u l-adozzjoni ta' servizzi fiduċjarji fl-UE żdiedu minn mindu ġie introdott ir-Regolament dwar l-eIDAS, iżda hemm bosta differenzi bejn l-Istati Membri u bejn servizzi fiduċjarji differenti |

Minkejja xi kisbiet, ir-Regolament ma laħaqx il-potenzjal tiegħu fejn tidħol l-effettività. Ġew notifikati biss ammont limitat ta' eIDs, li jillimita l-kopertura taċ-ċittadini tal-UE bi skema ta'

[5] Mid-dħul fis-seħħ tal-parti tal-eID tar-Regolament f'Settembru 2017, 14-il Stat Membru nnotifikaw mill-anqas skema waħda tal-eID u erba' Stati Membri diġà nnotifikaw diversi skemi. B'kollox, s'issa ġew notifikati 19-il skema tal-eID: https://ec.europa.eu/cefdigital/wiki/display/CEFDIGITAL/Country+overview

eID notifikata (59 % tal-popolazzjoni). L-aċċettazzjoni tal-eIDs notifikati hi limitata għax mhux in-nodi tal-eIDAS kollha qed joperaw, għax għadd limitat ta' servizzi pubbliċi joffru n-notifika tal-eIDAS jew huma konnessi mal-infrastruttura, u għax ċerti erruri tekniċi qed iżommu lill-utenti milli jawtentikaw b'mod effettiv.

Min-naħa tas-servizzi fiduċjarji, l-objettiv tar-Regolament li jibqa' newtrali għat-teknoloġija wassal għal diversità ta' interpretazzjoni tar-rekwiżiti bejn l-Istati Membri, u dan minħabba wkoll nuqqas ta' adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni addizzjonali. Ma jistax jiġi konkluż li fil-livell tal-UE intlaħqu kundizzjonijiet ekwi għalkollox. Iżda r-Regolament dwar l-eIDAS stabbilixxa qafas sod li jista' jiġi kkumplimentat bl-istandards u r-rekwiżiti meħtieġa biex jonqsu l-frammentazzjoni attwali tas-suq u d-diverġenzi fl-interpretazzjoni mill-korpi superviżorji u mill-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità, u b'kooperazzjoni msaħħa bejn il-korpi superviżorji.

### 2.2. Effiċjenza

| |
|---|
| Il-valutazzjoni bażi tindika li l-kostijiet kwantifikabbli s'issa kienu iżjed mill-benefiċċji. Fil-qasam tal-eID, dan jiġri minħabba nuqqas ta' adozzjoni u allura l-benefiċċji ma jinkisbux. |

Il-gruppi ewlenin tal-partijiet ikkonċernati li ġarrbu kostijiet u benefiċċji mill-parti tal-eID tar-Regolament eIDAS huma l-awtoritajiet nazzjonali, l-operaturi tan-nodi tal-eIDAS, il-fornituri tal-eID u l-fornituri tas-servizzi. Għas-servizzi fiduċjarji, il-gruppi ewlenin tal-partijiet ikkonċernati li ffaċċjaw il-kostijiet u l-benefiċċji ewlenin huma l-korpi tal-akkreditazzjoni, il-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità, il-korpi superviżorji, u l-fornituri tas-servizzi fiduċjarji kwalifikati u mhux kwalifikati.

Għall-partijiet ikkonċernati individwali, parti konsiderevoli hi l-benefiċċji mistennija (skontati bħala benefiċċji futuri) u għalhekk bilkemm tista' tiġi kkwantifikata. Il-kostijiet rikorrenti għall-governanza fil-qasam tas-servizzi fiduċjarji huma limitati u marbuta l-iżjed mal-iżgurar tal-konformità. Għall-partijiet ikkonċernati individwali, parti konsiderevoli mill-benefiċċji hi ipotetika biss f'dan l-istadju (skontata bħala benefiċċji futuri) u bilkemm hi kwantifikabbli. Il-Fornituri tas-Servizzi Fiduċjarji jirreġistraw benefiċċji fil-forma ta' dħul minħabba l-forniment ta' servizzi fiduċjarji f'pajjiżi oħra tal-UE u estensjoni tal-bażi tas-suq.

### 2.3. Rilevanza

| |
|---|
| L-ekosistema tal-eID inbidlet ferm minn mindu ġie introdott ir-Regolament dwar l-eIDAS għax kibret l-impronta tal-fornituri privati tal-identità. Filwaqt li titqies iż-żieda fit-tranżazzjonijiet diġitali, iċ-ċittadini kollha tal-UE jenħtieġ ikollhom aċċess għal identità diġitali sigura u interoperabbli, iżda llum dan mhux il-każ. L-objettivi tal-qafas legali tal-eIDAS għadhom rilevanti biex jindirizzaw il-kwistjonijiet identifikati fil-bidu, b'mod partikolari l-ħtieġa li jkun żgurat li tonqos il-frammentazzjoni tas-suq billi tkun żgurata interoperabbiltà transfruntiera u transsettorjali tas-servizzi fiduċjarji bl-adozzjoni ta' standards komuni. Il-kamp ta' applikazzjoni u l-enfasi attwali tar-Regolament dwar l-eIDAS fuq l-iskemi tal-eID notifikati mill-Istati Membri tal-UE u fuq l-iffaċilitar tal-aċċess għas-servizzi pubbliċi online jidhru limitati wisq. |

Xi ostakli ewlenin għall-użu mill-utenti u mill-fornituri tas-servizzi tas-settur privat xekklu l-qafas regolatorju milli jilħaq il-potenzjal sħiħ tiegħu. Minkejja l-introduzzjoni ta' referenzi għal soluzzjonijiet tal-eIDAS f'għadd ta' leġiżlazzjoni settorjali tal-UE, ir-Regolament dwar l-eIDAS għadu ma weġibx il-ħtiġijiet ta' setturi speċifiċi (eż. l-edukazzjoni, il-banek, l-

ivvjaġġar, l-avjazzjoni). Wieħed mill-fatturi ta' limitazzjoni tal-qafas attwali fir-rigward ta' dawn il-ħtiġijiet settorjali hu n-nuqqas ta' attributi speċifiċi skont id-dominji.

It-tensjoni ewlenija hi l-kapaċità tal-eIDAS li jibqa' konformi mal-aħħar żviluppi tat-teknoloġija fid-dominju tas-servizzi fiduċjarji. L-estensjoni tal-lista tas-servizzi fiduċjarji, b'mod partikolari bl-introduzzjoni ta' servizz fiduċjarju għall-arkivja elettroniku, servizz fiduċjarju li jappoġġa l-kredenzjali tal-identità portabbli u servizz fiduċjarju għall-kotba elettroniċi, tindirizza għadd ta' każijiet tal-użu u tagħti l-possibbiltà liċ-ċittadini u n-negozji li jagħtu prova diġitali ta' min huma jew tal-attributi jew il-karatteristiċi tagħhom, mingħajr il-ħtieġa ta' dokumenti fiżiċi.

### 2.4. Koerenza

L-evalwazzjoni turi li l-parti tal-eID tar-Regolament hi appoġġata b'sistema ġeneralment koerenti għal rikonoxximent reċiproku tal-eIDs abbażi ta' notifika u rieżami bejn il-pari. Il-qafas tas-servizzi fiduċjarji jipprevedi sistema superviżorja koerenti għas-servizzi fiduċjarji. Iżda ġew identifikati ċerti kwistjonijiet li jħallu impatt fuq il-koerenza interna tar-Regolament.

Għall-eIDs, is-sistema ta' notifika u ta' rieżami bejn il-pari stabbilita fil-qafas tal-eIDAS kienet maħsuba biex ikun hemm fehim komuni tal-livell ta' aċċertament (LoA) ipprovdut bi skema tal-eID iżda wara valutazzjoni tal-implimentazzjoni prattika ħareġ fid-dieher li dan mhux dejjem ikun il-każ. Għalkemm din tħeġġeġ il-flessibbiltà u n-newtralità teknoloġika, għad hemm nuqqas ta' fehim komuni ta' x'jikkostitwixxi LoA sostanzjali u għoli. L-enfasi fuq is-servizzi pubbliċi jikkuntrasta mal-possibbiltà li l-utent jillimita d-*data* trażmessa għall-minimu meħtieġ għall-awtentikazzjoni għal servizz speċifiku, għax is-sett minimu tad-*data* dejjem jiġi trażmess biex tkun tista' tiġi identifikata l-persuna. L-implimentazzjoni tas-sistema attwali tal-eIDAS ma tippermettix lill-utent jiffaċilita l-infurzar tal-prinċipji tal-GDPR ta' minimizzazzjoni tad-*data* u ta' privatezza b'mod awtomatiku, billi tagħtih kontroll ta' liema *data* tiġi kondiviża u ma' min.

Ir-regoli dwar il-valutazzjoni tal-forniturі tas-servizzi fiduċjarji skont ir-rekwiżiti funzjonali tar-Regolament biex jinkiseb l-istatus kwalifikat, għandhom għadd ta' dgħufijiet għax ir-rwol tal-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità ma jagħtix biżżejjed dettall dwar l-obbligi, ir-responsabbiltà jew il-livell ta' kompetenza tagħhom. Xi dispożizzjonijiet iħalluha f'idejn l-Istati Membri biex jirrikonoxxu ċerti metodi ta' identifikazzjoni (bħall-verifika bijometrika) fil-livell nazzjonali, u dan ixekkel il-kisba ta' kundizzjonijiet regolatorji ekwi u joħloq l-inċertezza.

### 2.5. Valur miżjud tal-UE

Ir-Regolament dwar l-eIDAS ħoloq inċentivi għall-Istati Membri biex jużaw soluzzjonijiet nazzjonali tal-eID, iżda l-valur miżjud tal-qafas tal-eID wera limitazzjonijiet kbar minħabba n-nuqqas ta' kopertura, adozzjoni u użu tiegħu. Għas-servizzi fiduċjarji, ir-Regolament ipprovda qafas legali komuni għall-użu tagħhom, u b'hekk naqset il-frammentazzjoni tas-suq u żdied l-użu tagħhom. Bl-għajnuna tas-servizzi fiduċjarji, l-amministrazzjonijiet pubbliċi jistgħu jimmodernizzaw u jiddiġitalizzaw is-servizzi u joħorġu evidenza b'mod diġitali u b'hekk inaqqsu l-piż amministrattiv.

Min-naħa tal-eID, il-ħtiġijiet identifikati oriġinarjament għall-adozzjoni tar-Regolament għadhom rilevanti u r-revoka tar-Regolament twassal għal frammentazzjoni u konsegwenzi

negattivi għal oqsma leġiżlattivi oħra li jiddependu mill-eIDAS. B'xi adattamenti fil-qafas regolatorju, jista' jiżdied il-valur miżjud tal-UE tiegħu (eż. jiġi ffaċilitat l-użu mis-settur privat ta' eIDs fdati tal-gvern, u jiġi definit ta' qafas għall-iskambju ta' attributi u kredenzjali speċifiċi pprovduti mis-settur pubbliku u privat). Għas-servizzi fiduċjarji, għad fadal xi ostakli minħabba interpretazzjoni nazzjonali u/jew liġi nazzjonali kunfliġġenti, u dawn qed jillimitaw l-użu tas-servizzi fiduċjarji

## 3. REVIŻJONI TAL-QAFAS EIDAS

Ir-Regolament dwar l-eIDAS hu element fundamentali li jiffaċilita s-suq uniku f'għadd ta' setturi (eż. fis-settur bankarju biex jipprovdi wħud mid-*data* tal-identità meħtieġa biex tiġi ffaċilitata l-konformità mar-regoli Kontra l-Ħasil tal-Flus[6], id-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Pagament (PSD2)[7] tibni fuq is-servizzi fiduċjarji tal-eIDAS, bħall-eSeals u ċ-Ċertifikati ta' Awtentikazzjoni ta' Siti Web Kwalifikati (QWACs) biex tiġi identifikata l-awtentiċità ta' siti web minn fornituri ta' pagamenti ta' partijiet terzi, l-eIDs ibbażati fuq l-eIDAS huma rekwiżit għall-iskambju ta' ċertifikati amministrattivi bejn il-fruntieri, u hu essenzjali għal implimentazzjoni u funzjonament b'suċċess tal-prinċipju ta' Darba Biss (OOP) mill-2023[8]). Il-qafas tas-servizzi fiduċjarji hu rikonoxxut internazzjonalment, u jifforma l-bażi għal abbozz ta' dispożizzjoni[9] li mistennija ssir liġi mudell tan-Nazzjonijiet Uniti dwar is-servizzi fiduċjarji fil-kummerċ elettroniku fl-2021, u anki għan-negozjati dwar il-kummerċ elettroniku li għaddejjin fid-WTO[10].

Iżda mill-adozzjoni tal-eIDAS fl-2014 sal-lum sar ħafna tibdil. Il-qafas hu bbażat fuq sistemi nazzjonali tal-eID bi standards diversi u jiffoka fuq segment relattivament żgħir tal-ħtiġijiet taċ-ċittadini u tan-negozji fejn tidħol l-identifikazzjoni elettronika: aċċess transfruntier sigur għas-servizzi pubbliċi. Is-servizzi mmirati jikkonċernaw l-aktar lil 3 % tal-popolazzjoni tal-UE[11] li jgħixu fi Stat Membru differenti minn dak tat-twelid.

Minn dak iż-żmien 'l hawn, id-diġitalizzazzjoni tal-funzjonijiet kollha tas-soċjetà żdiedet b'mod drammatiku. Barra minn hekk, il-pandemija tal-COVID-19 ħalliet effett qawwi ħafna fuq il-ħeffa tad-diġitalizzazzjoni. Għalhekk, il-forniment tas-servizzi pubbliċi u privati qed isir dejjem aktar diġitali. Iċ-ċittadini u n-negozji jistennew aktar sigurtà u konvenjenza f'kull attività online, fosthom meta jippreżentaw id-dikjarazzjonijiet tat-taxxa, jirreġistraw f'università barranija, jiftħu kont bankarju jew jitolbu self elettronikament, jikru karozza, jistabbilixxu negozju fi Stat Membru ieħor, jawtentikaw il-pagamenti bl-internet, iressqu sottomissjonijiet għal sejħiet għall-offerti online, u l-bqija.

Għaldaqstant, id-domanda għall-mezzi ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni online, u biex l-identità, l-attributi jew il-kwalifiki relatati mal-informazzjoni jiġu skambjati diġitalment

---

6 Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tirrevoka d-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE

7 Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tirrevoka d-Direttiva 2007/64/KE

8 Abbażi tal-Prinċipju ta' Darba Biss, mill-2023 l-amministrazzjonijiet pubbliċi se jkunu jistgħu jerġgħu jużaw u jikkondividu d-*data* u d-dokumenti li n-nies ikunu pprovdew b'mod trasparenti u sigur. (L-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi gateway diġitali unika li tipprovdi aċċess għal informazzjoni, proċeduri u servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi. ĠU L 295, 21.11.2018).

9 https://undocs.org/en/A/CN.9/WG.IV/WP.167

10 Ara pereżempju d-dokumenti tas-sessjoni tal-Grupp ta' Ħidma tal-UNCITRAL IV, Kummerċ Elettroniku, is-Sessjoni 6-9 ta' April 2021: https://uncitral.un.org/en/working_groups/4/electronic_commerce

11. https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/EU_citizens_living_in_another_Member_State_-_Statistika_ħarsa ġenerali

b'mod sigur u b'livell għoli ta' protezzjoni tad-*data*, żdiedet bil-qawwa[12]. Din wasslet għal bidla fundamentali lejn soluzzjonijiet avvanzati u konvenjenti li jistgħu jintegraw *data* u ċertifikati verifikabbli differenti tal-utent. Illum, minħabba l-limitazzjonijiet tagħha, din id-domanda ma tistax tintlaħaq bil-mezzi tal-eID u s-servizzi fiduċjarji kif regolati mill-eIDAS. Fir-rigward tal-mezzi tal-identifikazzjoni jew tal-awtentikazzjoni żviluppati mis-settur privat barra mill-qafas tal-eIDAS, dawn iwieġbu din l-isfida parzjalment biss. Filwaqt li joffru servizzi tal-awtentikazzjoni ta' partijiet terzi li huma faċli għall-utent (eż. aċċess għal servizzi differenti bl-użu ta' kont ta' Facebook jew Google), hu komuni li dawn jaċċessaw servizzi online privati mhux regolati li ma jeħtiġux livell għoli ta' sigurtà. Dawn ma jistgħux joffru l-istess livell ta' ċertezza legali, protezzjoni tad-*data* u privatezza; l-aktar għax huma awtoaffermati u ma jistgħux joffru rabta ma' eID fdata u sigura tal-gvern.

Fi Frar 2020, il-Kummissjoni impenjat ruħha bl-Istrateġija tagħha dwar it-Tiswir tal-Futur Diġitali tal-Ewropa[13] li tirrevedi r-Regolament dwar l-eIDAS biex ittejjeb l-effettività tiegħu, twessa' l-applikazzjoni tiegħu għas-settur privat u tippromwovi identitajiet diġitali ta' fiduċja għaċ-ċittadini u n-negozji kollha tal-UE. L-urġenza ta' din ir-reviżjoni ħarġet mill-aktar fid-dieher bil-pandemija tal-COVID-19. It-tfixkil fis-servizzi pubbliċi u privati offline, u l-ħtieġa għal għarrieda ta' aċċess u użu tat-tipi kollha ta' servizzi pubbliċi u privati online, urew il-limitazzjonijiet tal-eIDAS fejn tidħol il-kisba tal-benefiċċji mistennija miċ-ċittadini, min-negozji u mill-gvernijiet sitt snin mill-adozzjoni tiegħu. Regolament dwar l-eIDAS rivedut u msaħħaħ ikun jista' jwieġeb id-domandi l-ġodda tas-suq u tas-soċjetà u jindirizza l-ħtiġijiet għal soluzzjonijiet ta' fiduċja dwar l-eIDs tal-gvern, iżda anki għall-attributi u l-kredenzjali pprovduti mis-settur pubbliku u privat, li jkunu lkoll immexxija għalkollox mill-utent u rikonoxxuti madwar l-UE li jagħtu aċċess għas-servizzi pubbliċi u privati. Dan jappoġġa għadd kbir ta' oqfsa regolatorji eżistenti jew proposti li jsaħħu s-suq Uniku tal-UE.

## 4. KONKLUŻJONIJIET

B'mod ġenerali, ir-Regolament dwar eIDAS ikkontribwixxa għal aktar żvilupp tas-suq Uniku. Firex il-pedamenti għall-iżvilupp ta' suq tas-servizzi tal-identità u fiduċjarji fl-UE, u appoġġa l-ħtieġa dejjem akbar ta' tranżazzjonijiet diġitali siguri. Iżda minn perspettiva progressiva, li evolviet fejn jidħlu l-objettivi u l-aspettattivi tal-utenti, ir-Regolament dwar l-eIDAS jeħtieġ titjib mil-lat ta' effettività, effiċjenza, koerenza u rilevanza biex jintlaħqu objettivi ta' politika ġodda, l-aspettattivi tal-utenti u d-domanda tas-suq filwaqt li jitqiesu wkoll l-iżviluppi riċenti fid-diġitalizzazzjoni.

Dak li qed ifeġġ fis-suq hu ambjent ġdid fejn l-enfasi ċċaqalqet mill-provvista u l-użu jew minn identitajiet diġitali riġidi għall-provvista u d-dipendenza fuq attributi speċifiċi relatati ma' dawk l-identitajiet. Hemm domanda akbar għal soluzzjonijiet tal-identità elettronika li jistgħu jipprovdu dawn il-kapaċitajiet, biex titjieb l-effiċjenza u jinkiseb livell għoli ta' fiduċja madwar l-UE għas-servizzi fis-settur privat u pubbliku, abbażi tal-ħtieġa li jiġu identifikati u awtentikati l-utenti b'livell għoli ta' aċċertament.

Ir-Regolament dwar l-eIDAS attwali ma jistax jindirizza dawn id-domandi l-ġodda tas-suq minħabba l-limitazzjonijiet inerenti tiegħu għas-settur pubbliku, il-kumplessità għall-forniturі privati online biex jikkollegaw mas-sistema, in-nuqqa ta' disponibbiltà biżżejjed tiegħu fl-Istati Membri kollha, u n-nuqqas ta' flessibbiltà tiegħu biex jappoġġa varjetà ta' każijiet.

---

[12] Pereżempju, fl-Italja, fi tmiem l-2019 l-għadd ta' utenti tal-SPID (imnedija fl-2016) kien madwar 5 miljuni. Illum hemm aktar minn 18-il miljun utent attiv (ara https://avanzamentodigitale.italia.it/it/progetto/spid) b'żieda kostanti ta' madwar miljun utent kull xahar. L-użu tal-SPID żdied minn madwar 55 miljun fl-2019 kollha għal madwar 32,4 miljun fi Frar 2021 biss.

[13] Il-Kummissjoni Ewropea. (2020). Strateġija dwar it-Tiswir tal-Futur Diġitali tal-Ewropa.